# KONSULTAZZJONI PUBBLIKA DWAR METODI TA' KONSUM U PRODUZZJONI AKTAR "INDAF"



Ilna ħafna nisimgħu dwar il-ħtieġa li f'kull ma nagħmlu u nikkunsmaw, nagħtu aktar kas ta' l-impatt fuq l-ambjent. Dan l-aħħar fil-fatt, il-Kummissjoni Ewropea nediet konsultazzjoni pubblika dwar metodi ta' produzzjoni li jagħmlu inqas ħsara l-ambjent u dwar kif il-konsumatur jista' jidra juża aktar dawk il-prodotti li ma jwasslux għal tniġġis u ħela żejda ta' riżorsi naturali.

Il-konsultazzjoni tinkludi pjanijiet t'azzjoni dwar politika sostenibbli għall-industrija u dwar konsum u produzzjoni aktar sostenibbli, liema pjanijiet mistennija jiġu mnedija mill-Kummissjoni Ewropea fil-bidu tas-sena d-dieħla. Dawn il-pjanijiet isejħu għal azzjonijiet konkreti u effettivi sabiex jitnaqqas l-impatt fuq l-ambjent u jibda jsir użu aktar sostenibbli tar-riżorsi naturali u ta' l-enerġija.

L-azzjonijiet prinċipali msemmija jinkludu: titjib fl-ittikkettjar tal-prodotti sabiex il-konsumatur jiġi mħajjar jagħmel prodotti aktar sostenibbli u favorevoli għall-ambjent; inkoraġġiment akbar għal mezzi teknoloġiċi ta' produzzjoni aktar "indaf" u effiċjenti li jinkludi wkoll miri stipulati dwar l-effiċjenza, eko-immaniġġjar u skemi t'awditjar għal dawk l-industriji b'installazjonijiet kbar; u inkoraġġiment akbar favur konsum aktar sostenibbli billi jiġu internalizzati l-ispejjeż ambjentali fil-prezz tal-prodott.

L-għan ewlieni ta' din il-konsultazzjoni hu li jinġabru kemm jista' jkun opinjonijiet dwar l-aħjar metodi possibbli li bihom l-UE u l-Istati Membri jistgħu jilqgħu u jimplimentaw l-għanijiet li semmejt aktar 'il fuq.

Tajjeb wieħed jinnota wkoll li fil-bidu ta' Lulju, il-Kummissjoni Ewropea kienet nediet konsultazzjoni pubblika oħra dwar il-ħsieb li l-prodotti jibdew jiġu ntaxxati b'rati differenti f'dik li hi taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) skond "il-prestazzjoni ambjentali tagħhom".

Din l-idea jidher li qed tingħoġob minn xi pajjiżi fosthom ir-Renju Unit u Franza. Il-Prim Ministru u l-President rispettivi tagħhom fil-fatt, dan l-aħħar esprimew l-appoġġ tagħhom għall-idea li l-karozzi li jitfgħu anqas emissjonijiet ta' $CO_2$ fl-arja, il-bozoz aktar effiċjenti fl-użu ta' l-enerġija u l-prodotti li jservu ta' insulazzjoni sabiex tiġi ppreservata l-enerġija, għandhom jibbenefikaw minn rata mnaqqsa ta' VAT ta' 5% madwar l-UE kollha.

Iżda kull pajjiż, kif nafu, ikollu l-interessi tiegħu u proposti bħal dawn mhux faċli li jgħaddu mill-Kunsill tal-Ministri peress li d-deċiżjoni trid tkun waħda unanima, jiġifieri bi qbil bejn is-27 Stat Membru.

Il-konsultazzjoni pubblika dwar konsum u produzzjoni aktar indaf għall-ambjent ser iddum miftuħa sat-23 ta' Settembru. Wieħed jista' jaċċessa l-kwestjonarju *online* fuq: http://ec.europa.eu/yourvoice/ipm/forms/dispatch?form=SurveySIPSCP

Iktar informazzjoni tista' tinkiseb mill-*Forum Malta fl-Ewropa* fuq in-numru tat-telefon 2590 9101 jew bl-email fuq foruminfo@gov.mt



***Minn Ronald Mizzi,***
*Research Analyst,*
*Forum Malta fl-Ewropa*

FORUM
MALTA FL-EWROPA

*Indirizz: 280, Triq ir-Repubblika, il-Belt Valletta VLT1112*
*Telefon: 2590 9101*
*e-mail: foruminfo@gov.mt*